MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 71/2005

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas lill-esponenti s-somma ta’ tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm352.53c) dovut fuq merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lil Kreditur fuq istruzzjonijiet tieghu stess fil-“Il-Mithna Restaurant” Xlendi Ghawdex, inkluz interessi fuq din is-somma dekorribbli mid-data ta’ kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datat 26 ta’ Lulju 2005 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt, u tal-Mandat ta’ Qbid fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta’ Awissu 2005.”

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM352.53c ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkunsinnata lill-konvenut bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-26 ta' Lulju 2005 kif ukoll tal-mandat ta' qbid ipprezentat f'Awwissu 2005, bl-imghax legali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------